TERZ'ORDNI

# Laqgħat ta' Formazzjoni

## *Skeda 3*

minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.

Fl-iskemi tal-Laqgħat ta' Formazzjoni għat-Terz'Ordni, bħalma aktarx indunajtu, għafasna fuq l-importanza tal-laqgħa regolari u s-sehem tagħna fiha, kif ukoll dwar l-istruttura proprja li għandha tieħu l-laqgħa. Għafasna wkoll fuq il-ħajja tal-aħwa u fis-sehem ta' kull imsieħeb jew imsieħba f'din il-ħajja li hija essenzjali. Mingħajrha ma jistax ikun hemm ħajja Karmelitana, hi ta' liema forma hi. Tant hija essenzjali l-ħajja tal-aħwa, u din tajjeb inżommuha quddiem għajnejna, li r-Regola għandha numru preċiż li jiddetermina liema huma dawk is-sitwazzjonijiet rari li msieħeb jew imsieħba jiġu maħlulin mis-sehem attiv fil-ħajja tal-aħwa. Qed nirreferi hawnhekk għan-numru 78. Hawnhekk se nikkwotawh sħiħ sabiex tkun ċara f'moħħ kull Terzjarju u Terzjarja, kif ukoll f'moħħ dawk li huma responsabbli mill-aċċettazzjoni ta' Terzjarji ġodda u l-formazzjoni tagħhom:

*Dawk li jgħixu bogħod minn komunità u ma jistgħux jieħdu sehem fil-ħajja tal-istess komunità, għal raġunijiet partikolari jistgħu jidħlu fit-Terz'Ordni, ukoll jekk ma jiġux aċċettati f'komunità determinata, sakemm, bla ħsara għar-regoli dwar id-dħul u l-professjoni, għandhom jgħixu skont ir-Regola tat-Terz'Ordni tal-Karmelu u taħt it-tmexxija tas-superjuri jew tal-konfessur tagħhom. Minkejja dan, huwa rakkomandat kuntatt ta' spiss mal-Assistent tal-komunità l-aktar qrib. L-Istatuti rispettivi għandhom jieħdu ħsieb it-taħriġ tagħhom sew tal-bidu u sew permanenti.*

Fil-qosor mela r-raġunijiet leġittimi li jiġġustifikaw li persuna msieħba ma tiħux sehem fil-ħajja tal-aħwa, nistgħu ngħidu li huma tnejn:

*1. Tgħix 'il bogħod mill-komunità...:* Bogħod ma aħniex nifhmu hawnhekk siegħa karozza. F'Malta din in-norma prattikament ma tgħoddx. Biex nagħti eżempju ta' bogħod fil-ħsieb tar-Regola huwa bħal meta xi ħadd jixtieq jissieħeb fit-Terz'Ordni u fir-reġjun jew fin-nazzjon fejn jinsab ma hemmx preżenza Karmelitana, iżda xorta hemm ix-xewqa tat-tisħib għax hemm sejħa Karmelitana.

*2. ...u ma jistgħux jieħdu sehem fil-ħajja tal-istess komunità:* jew minħabba 'il bogħod kif semmejna fin-numru 1, jonkella għax hemm tassew raġunijiet gravi u serji li persuna ma tistax tagħmel mod ieħor.

L-istess numru 78 imbagħad ikompli jfisser dawn il-każijiet x'jimplikaw:

*1. jistgħu jidħlu fit-Terz'Ordni, ukoll jekk ma jiġux aċċettati f'komunità determinata, sakemm, bla ħsara għar-regoli dwar id-dħul u l-professjoni, għandhom jgħixu skont ir-Regola tat-Terz'Ordni tal-Karmelu u taħt it-tmexxija tas-superjuri jew tal-konfessur tagħhom:* Tant hija importanti l-fraternità u l-komunità li wkoll jekk persuna taqa' taħt il-każi 1 u 2, xorta jeħtiġilha tieħu l-formazzjoni mitluba u tgħaddi mill-proċess kollu hekk kif tistabbilixxi r-Regola.

*2. Minkejja dan, huwa rakkomandat kuntatt ta' spiss mal-Assistent tal-komunità l-aktar qrib. L-Istatuti rispettivi għandhom jieħdu ħsieb it-taħriġ tagħhom sew tal-bidu u sew permanenti.* Dan ifisser li xorta jrid ikun hemm kuntatt mal-Fraternità jew komunità permezz tal-Assistent Spiritwali u wkoll bis-sehem tagħhom fil-formazzjoni tal-bidu u kontinwa.

Mela hija ċara li l-ħajja tal-fraternità u s-sehem ta' kull imsieħeb jew imsieħba fiha hija essenzjali. Min iħoss li din il-biċċa ma tgħoddx għalih,



jonkella min hu responsabbli mill-formazzjoni jinnota li l-persuna li qed titlob li tissieħeb qed tonqos fuq dan il-livell, għandhom iqisu jħallux it-Terz'Ordni jew li ma jiġux aċċettati għall-vestizzjoni u l-professjonijiet temporanja u perpetwa. Min jixtieq ikun parti mill-Familja Karmelitana u jara li l-impenji mitluba mir-Regola tat-Terz'Ordni huma wisq impenjattivi, jagħżel it-triq l-oħra tal-Kitba fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, u jgħix il-ħajja devota tiegħu skont kif jidhirlu. Iżda min jipprofessa fit-Terz'Ordni għandu jżomm f'moħħu li qed jieħu fuqu responsabbiltà u impenn quddiem Alla u l-Ordni.

Sfortunatament għadna bil-mentalità li t-Terzjarju huwa xi tip inqas ta' Karmelitan, għax ma setax isir reliġjuż jew reliġjuża, qisu l-inbid tat-tielet għasir, jew tal-għasir tal-fdal u l-qxur tal-għenba! Nammettuha li t-terminu klassiku wkoll użat ma jgħinx fit-taħdit u l-ħsieb popolari. L-espressjoni Terz'Ordni donnha tinftiehem, Ordni tat-tielet klassi fil-kwalità u fl-impenn. Huwa għalhekk ukoll li r-Regola l-ġdida titkellem iktar minn espressjoni li iktar tagħmel sens: *Ordni Karmelitan Sekulari*, li tiġbor fiha dawk il-Karmelitani li mhumiex reliġjużi, u li f'kelma waħda ma jgħixux fil-kunvent. Dawn jistgħu jkunu lajċi u qassisin djoċesani jew iktar preċiżament sekulari.

Li nibdew ukoll f'pajjiżna nużaw din l-espressjoni naħseb jagħmel iktar tajjeb biex malajr kemm jista' jkun nibdlu l-mentalità tagħna għax il-ħajja fit-Terz'Ordni hija, kif tgħid ir-Regola bosta drabi, mibnija fuq sejħa li persuna tirċievi mingħand Alla. U ta din is-sejħa aħna responsabbli quddiem Alla ġaladarba nilqgħuha. Għaldaqstant kemm jekk reliġjuż/a, kemm jekk terzjarju/a għandha nfittxu li ngħixu s-sejħa Karmelitana mija fil-mija, ukoll jekk fir-rispett tal-fiżjonomija partikulari ta' kull forma ta' ħajja Karmelitana. Dan qed ninsisti dwaru għax jidhirli li hija waħda mill-affarijiet li jeħtieġ nibdlu fil-mentalità tagħna. Dan jidher meta tisma' b'każijiet ta' persuni li jiġu aċċettati għall-vestizzjoni sempliċiment għax ġiet il-ġimgħa tal-festa, u fil-jum animat mit-Terzjarji, sabiħ li jkollna l-famuża "kitba" fit-Terz'Ordni, imbagħad ma tarahomx aktar! Min irid sempliċiment kitba, jinkiteb fil-Labtu u mhux jissieħeb fit-Terz'Ordni.

Għaldaqstant tajjeb li fil-Komunità Reliġjuża jinżamm ukoll ir-reġistru ta' dawk li jinkitbu fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu filwaqt li r-Reġistru tat-Terzjarji jinżamm għalih fil-Fraternità Sekulari. Ir-Regoli klassiċi tal-Ordni Karmelitan Sekulari kienu jinsistu li għandha tkun ċara d-distinzjoni fit-tisħib tat-Terz'Ordni u tal-kitba fil-Labtu, sabiex ma jkunx hemm taħwid u ma jiddgħajjifx l-impenn tas-Sekulari li jintrabtu mal-Ordni bil-professjoni.

Tajjeb fil-laqgħat tal-Fraternitajiet tagħna nirriflettu dwar dan u naħsbu sewwa sabiex intejbu l-kwalità tal-Ħajja Karmelitana li rċevejna b'sejħa mingħand Alla.

## Benefatturi fis-sema

**Nazzareno Farrugia,**
**li miet fil-15 ta' April 2020,**
**fl-għomor ta' 77 sena.**
**Nazzareno huwa**
**ħu Margaret Farrugia,**
**kollaboratriċi kbira ta'**
***Il-Karmelu***
**fil-Fgura.**

**Agħtih O Mulej**
**il-mistrieħ ta' dejjem.**